MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2015

Numru. 151/2015

**PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**

**VS**

**KENNETH SHAWN PISANI**
**(ID Nru.: 222275M)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 151/2015**

Illum, 22 ta` Lulju, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kenneth Shawn Pisani, detentur tal-karta tal-identita` numru 222275 (M).

**Akkuzat talli:**

1. B’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, u cioe` talli fiz-zminijet bejn is-sebgha (7) ta` Marzu, 2011, u d-disgha (9) ta` Lulju, 2014, mill-fond **KC’s Confectionery** li jinsab fi Triq Birbixkilla, Hal-Tarxien, u/jew f’dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta` dawl elettriku fl-ammont ta` aktar minn elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (€2,329.37), liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur, lok u hin ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta u/jew persuni/entitajiet ohra;
2. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju jew fil-gummi tal-elettriku jew ikkaguna telf tal-kurrent elettriku;

3. Ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 18, 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 267, 269, 270, 279 (b), 326 (c) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni bir-riserva li jinnegozja mall-Korporazzjoni Enemalta l-ammont ezatt dovut, il-Qorti wara li rat il-hlas maghmul mill-imputat u x-xhieda ta’ Alan Chetcuti in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta li hija ma fadalhiex iktar pretensjonijiet kontra l-imputat stante hlas, u wara l-Qorti rat il-kooperazzjoni tal-imputat, temmen li piena karcerarja effettiva m’ghandix tinghata.

Ghal dawn il-motivi waqt li ssibu hati tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mill-lum a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------